FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LLD.,MAG.JUR (EU LAW)

1 TA' MARZU 2017

Il-Pulizija
(Spett Elton Taliana)

Vs

Matthew Barbara

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 434091m, akkuzat talli fid-09 ta' Lulju 2010 ghall-habta tal-0450hrs, fi Triq John Houel, Naxxar:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi trasguragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna il-mewt ta' Rosianne Azzopardi;
2. ikkaguna hsara fuq il-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni FBD 593 ghad-dannu ta' Dolores Galea , liema hsara tkun izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu €1, 164.69;
3. saq motor-car jew vettura ohra tal-ghamla Mitsubishi, bin-numru ta' registrazzjoni KBM 392 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz;
4. saq vettura tal-ghamla Mitsubishi, bin-numru ta' registrazzjoni KBM 392 u ecceda l-limitu ta' velocita' skond il-ligi;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema u tigi deciza minn din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-kawza tikkoncerna incident awtomobilistiku li sfortunatament kellu bhala konsegwenza tieghu l-mewt ta' omm ta' tarbija appena ta' sena. L-incident 'de qua' sehh fil-hamsa neqsin ghaxra ta' filghodu tad-9 ta' Lulju 2010 fi Triq John Houel, Naxxar. Il-habta kienet wahda frontali bejn il-vettura misjuqa mill-imputat tal-ghamla Mitsubishi numru ta' registrazzjoni KBM392 u l-vettura tal-ghamla Toyota numru ta' registrazzjoni FBD593.

Intant, ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-imputazzjonijiet jippotizzaw l-omicidju involontarju (taht l-Artikolu 225(1) Kap 9), l-hsara involontarja (taht l-Artikolu 328(d) tac-citat Kap 9), s-sewqan perikoluz, negligenti u bla kont u dwar l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan (taht l-Artikolu 15(1)(a), 15(2), 15(3) u 32 tal-Kap 65, ukoll l-eccess tal-velocita' fis-sewqan (taht r-regolament 127(1) tal-Ligi Sussidjarja 65.11).

Issa mill-provi jirrisulta bil-wisq lampanti li l-imputat huwa responsabbli ghall-incident 'de qua' minghajr l-icken riserva, bl-iskuzanti, jekk tista' isejjihla tali, tal-inesperjenza u l-immatura tieghu f'kwistjonijiet ta' sewqan ta' vettura. Jirrisulta bhala fatt li l-imputat kien appena ghalaq it-tmintax il-sena u kien granet biss li kien ottjena l-licenzja tas-sewqan. Sfortunatament ghal mara li mietet mall-habta l-imputat ma gharafx li vettura, hi x'inhi, izjed u izjed ta' cilindrata li kien qieghed isuq l-imputat, hija arma li trid timmanigga b'destrezza.

Dwar l-incident l-abbli perit tekniku nominat mill-Qorti fl-inkjesta magisterjali jistqarr li t-triq fejn akkada l-incident hija wahda primarja u periferika li taghmel mal-Ghargur. Ikkonstata li dak in-nhar tal-incident it-triq kienet imxarba bin-nieda waqt li li t-temp kien car u l-visibilita' kienet tajba. Ghamel ukoll il-kkalkoli tal-velocita' li biha kien qieghed isuq l-imputat u sab li kienet ta' 105 kilometru fis-siegha. Jghid il-perit tekniku li "meta Matthew Barbara (l-imputat) kien ghaddej minn Triq Jean Houell, Naxxar, b'velocita' minima ta' 105 kfs, hu ma setax jikkontrolla l-istess vettura peress li hu kien ghaddej mal-liewa" u kompla jghid li "b'konsegwenza l-vettura tieghu baqghet sejra dritt fuq il-karregjata opposta b'konsegwenza li s-'centre of gravity' tal-istess vettura qalbet fuq naha wahda b'konsegwenza li l-istess vettura nqallbet u waqt li kienet qed tissladja habtet fil-vettura l-ohra li kienet qed tigi misjuqa minn Rosianne Galea u li kienet gejja mid-direzzjoni opposta" u ikkonkluda li s-sewqan kien wiehed perikoluz, imprudenti u negligenti fir-rigward liema l-Qorti qeghda taqbel. Ta' minn jghid f'dan l-istadju li l-vittma mietet mad-daqqa izda it-tarbija li kellha maghha fil-vettura u li kienet marbuta fis-seggolin taghha baqghet illeza. Mal-imputat kien hemm certu Shaun Ridley li wkoll ma jirrizultax li sofra xi griehi kawza l-incident.

Fuq dawn ir-risultanzi l-Qorti qeghdha ssib l-imputat hati tal-akkuzi kollha riportati kontra tieghu ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali. Rat l-Artikolu 225(1), 328(d), 23 u 17(b) tal-Kap 9, l-Artikolu 15(1)(2) tal-Kap 65 u r-regolament 127(1) tal-S.L 65.11.

Rat r-rapport tal-Ufficjal tal-Probation nominat minnha. Semghet ix-xhieda tat-Tabib Psikjatra Dr. Peter Muscat.

Tiddecidi, wara li semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li jghamel xoghol fil-komunita' u hi tal-fehma li sentenza ta' prigunerija m'hiex adatta ghac-cirkostanzi attwali, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 u bla pregudizzju ghall-Artikolu 14 tal-Kap 446, tpoggi lill-imputat taht ordni ta' servizz fil-komunita' ghall-tlett mija u hamsin siegha. Tikkundannah €80 multa fil-konfront tal-L.S. Tordna li jhallas l-ispejjez kollha ghan nomina tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9. Tordna il-konfiska tal-vettura Mitsubishi numru ta' registrazzjoni KMB392 u fuq l-iskorta tal-Artikolu 15(2) tal-Kap 65 tiskwalifa l-imputat li jottjeni licenza tas-sewqan jew ikollu tali licenzja ghall-perjodu ta' tlett xhur mill-lum. Ghar-rigward danni konnessi mal-kaz u dovuti mill-imputat tali jinsabu risarciti mill-assikurazzjoni.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza

A.M.Trigona
Magistrat